

21.2.2024

A9-0403/45

**Emenda 45**  
**Petras Auštrevičius**  
f' isem il-Grupp Renew

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 45a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

– *wara li kkunsidra r-  
rakkomandazzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar  
1999 dwar l-istabbiliment ta' Korp Ċivili  
Ewropew tal-Paċi<sup>1a</sup>,*

---

<sup>1a</sup> *ĠU C 150, 28.5.1999, p. 164.*

Or. en

21.2.2024

A9-0403/46

**Emenda 46**

**Petras Auštrevičius**

f' isem il-Grupp Renew

**Rapport**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**A9-0403/2023**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ia (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ia. billi mingħajr sforzi baġitarji sostanzjali, dawn l-għodod tad-difiża mhux se jkollhom l-effett mistenni la fuq l-appoġġ militari għall-Ukrajna u lanqas fuq l-iżvilupp ta' kapaċità tad-difiża Ewropea ġenwina u bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva; billi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u r-reviżjoni tiegħu ma jagħmlu l-ebda titjib fil-baġit allokat għad-difiża Ewropea; billi ġew iffornulati proposti għall-ħolqien ta' fond ta' difiża komuni ta' EUR 100 biljun, li jkollu l-għan li b'mod immedjat iżid il-produzzjoni domestika tal-armi u l-munizzjon u li jkun iffinanzjat b'bonds Ewropej;***

Or. en

21.2.2024

A9-0403/47

**Emenda 47**  
**Petras Auštrevičius**  
f' isem il-Grupp Renew

**Rapport** **A9-0403/2023**  
**Sven Mikser**  
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Aka (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Aka. billi huwa meħtieġ li jiġi adottat approċċ komprensiv tal-konsolidament tal-paċi li jinvolti lill-ispeċjalisti ċivili biex jiġu implimentati miżuri prattiċi favur il-paċi; billi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali u internazzjonali jwettqu attivitajiet kruċjali bil-għan li jipprevjenu l-kunflitti u jsolvu l-kunflitti b'mod paċifiku, u huwa tal-akbar importanza li jsir l-aħjar użu mill-esperjenza tagħhom;*

Or. en

**Emenda 48****Petras Auštrevičius**

f' isem il-Grupp Renew

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 6***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

6. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-VP/RGħ Borrell, li tibni fuq is-sejħa preċedenti tal-Parlament, għall-ħolqien ta' fond ta' assistenza ta' EUR 20 biljun fl-EPF, iddedikat biex jappoġġja lill-forzi armati tal-Ukrajna b'massimu ta' EUR 5 biljun fis-sena bejn l-2023 u l-2027, u jistieden lill-Istati Membri **japprovawh** malajr; jikkundanna bil-qawwa l-isforzi li saru mill-Ungerija biex twaqqaf it-tentattivi reċenti li jiżdied l-EPF u l-proposta tal-VP/RGħ għall-fond ta' assistenza speċjali għall-Ukrajna; jenfasizza li l-kunsinni kollha ta' assistenza militari u armi mill-EPF iridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, u jridu jipprovdu trasparenza u obbligu ta' rendikont adegwati;

6. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-VP/RGħ Borrell, li tibni fuq is-sejħa preċedenti tal-Parlament, għall-ħolqien ta' fond ta' assistenza ta' EUR 20 biljun fl-EPF, iddedikat biex jappoġġja lill-forzi armati tal-Ukrajna b'massimu ta' EUR 5 biljun fis-sena bejn l-2023 u l-2027, u jistieden lill-Istati Membri **japprovawha** malajr; jikkundanna bil-qawwa l-isforzi li saru mill-Ungerija biex twaqqaf it-tentattivi reċenti li jiżdied l-EPF u l-proposta tal-VP/RGħ għall-fond ta' assistenza speċjali għall-Ukrajna; jenfasizza li l-kunsinni kollha ta' assistenza militari u armi mill-EPF iridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, u jridu jipprovdu trasparenza u obbligu ta' rendikont adegwati; **jiddispjaċih dwar id-dewmien bla bżonn fl-approvazzjoni mill-Istati Uniti tas-segment li jmiss tal-assistenza meħtieġa b'mod urġenti lill-Ukrajna;**

Or. en

**Emenda 49**  
**Petras Auštrevičius**  
 f' isem il-Grupp Renew

**Rapport**  
**Sven Mikser**

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 41**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

41. Jirrimarka li l-EDIRPA u l-ASAP jistgħu jkunu biss l-ewwel pass lejn it-titjib tal-kapaċitajiet tal-EDTIB li tipprovdi lill-Istati Membri l-prodotti u l-kwantitajiet meħtieġa u għandhom jiġu kkomplementati b'inizjattivi ulterjuri, inkluż l-EDIP fit-tul u komprensiv previst li jeħtieġ li jiġi żgurat finanzjament adegwat għalih, kif ukoll qafas regolatorju effettiv li għandu l-għan li jħeġġeġ l-innovazzjoni, jagħti spinta lill-produzzjoni u jiżgura investimenti pubbliċi aktar intelliġenti u effiċjenti; jistieden, f'dak ir-rigward, lill-Istati Membri tal-UE jipprovdu l-fondi meħtieġa għall-istrumenti Ewropej kollha tad-difiża fir-reviżjoni li jmiss tal-QFP; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-EDIP xorta ma ġiex propost mill-Kummissjoni; jappella għall-implimentazzjoni **malajr** u effiċjenti tal-EDIRPA u tal-ASAP;

41. Jirrimarka li l-EDIRPA u l-ASAP jistgħu jkunu biss l-ewwel pass lejn it-titjib tal-kapaċitajiet tal-EDTIB li tipprovdi lill-Istati Membri l-prodotti u l-kwantitajiet meħtieġa u għandhom jiġu kkomplementati b'inizjattivi ulterjuri, inkluż l-EDIP fit-tul u komprensiv previst li jeħtieġ li jiġi żgurat finanzjament adegwat għalih, kif ukoll qafas regolatorju effettiv li għandu l-għan li jħeġġeġ l-innovazzjoni, jagħti spinta lill-produzzjoni u jiżgura investimenti pubbliċi aktar intelliġenti u effiċjenti; jistieden, f'dak ir-rigward, lill-Istati Membri tal-UE jipprovdu l-fondi meħtieġa għall-istrumenti Ewropej kollha tad-difiża fir-reviżjoni li jmiss tal-QFP; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-EDIP xorta ma ġiex propost mill-Kummissjoni; jappella għall-implimentazzjoni **rapida** u effiċjenti tal-EDIRPA u tal-ASAP; **jappoġġja bis-sħiħ il-ħolqien propost ta' fond ta' difiża komuni ta' EUR 100 biljun bil-għan li b'mod immedjat iżid il-produzzjoni domestika tal-armi u l-munizzjon, li għandu jkun iffinanzjat b'bonds Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta konkreta f'dan ir-rigward mill-aktar fis possibbli;**

Or. en

21.2.2024

A9-0403/50

**Emenda 50**

**Petras Auštrevičius**

f' isem il-Grupp Renew

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 45a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**45a. Jistieden lill-Kunsill ivara l-proġett li jistabbilixxi Korp Ċivili Ewropew tal-Paċi u li jlaqqa' l-għarfien espert tal-atturi istituzzjonali u mhux istituzzjonali fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u tar-rikonċiljazzjoni, bil-għan li l-ġestjoni ċivili tal-kriżijiet tal-UE ssir aktar kredibbli, konsistenti, effikaċi, flessibbli u viżibbli;**

Or. en

**Emenda 51****Petras Auštrevičius**

f' isem il-Grupp Renew

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 100***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

100. Jikkundanna bil-qawwa l-bosta testijiet tal-missili mwettqa mill-Korea ta' Fuq fl-2023; jissottolinja r-responsabbiltà partikolari taċ-Ċina u tar-Russja fir-rigward tal-Korea ta' Fuq u jistedinhom jużaw l-influwenza tagħhom biex jipprevjenu kwalunkwe eskalazzjoni ulterjuri; jesprimi t-tħassib profund tiegħu dwar il-laqgħa reċenti bejn il-mexxejja tal-Korea ta' Fuq u tar-Russja; **jesprimi tħassib serju dwar il-kunsinni probabbli** ta' armi u missili tal-Korea ta' Fuq fir-Russja **u jqajjem tħassib konsiderevoli** li, permezz tal-kooperazzjoni militari msaħħa **probabbli tagħha**, ir-Russja qed tikser sanzjonijiet u riżoluzzjonijiet tan-NU dwar il-Korea ta' Fuq; jikkundanna bil-qawwa lill-Iran talli jipprovdi lir-Russja **b'droni** u b'missili biex tużahom fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, u jissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi internazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab tagħna, fir-rigward tal-Iran;

100. Jikkundanna bil-qawwa l-bosta testijiet tal-missili mwettqa mill-Korea ta' Fuq fl-2023; jissottolinja r-responsabbiltà partikolari taċ-Ċina u tar-Russja fir-rigward tal-Korea ta' Fuq u jistedinhom jużaw l-influwenza tagħhom biex jipprevjenu kwalunkwe eskalazzjoni ulterjuri; jesprimi t-tħassib profund tiegħu dwar il-laqgħa reċenti bejn il-mexxejja tal-Korea ta' Fuq u tar-Russja; **jikkundanna bil-qawwa l-kunsinni** ta' armi u missili **ballistiċi** tal-Korea ta' Fuq fir-Russja, **li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u jinnota** li, permezz tal-kooperazzjoni militari msaħħa, ir-Russja qed tikser sanzjonijiet u riżoluzzjonijiet tan-NU dwar il-Korea ta' Fuq; jikkundanna bil-qawwa lill-Iran talli jipprovdi lir-Russja **bi droni** u b'missili biex tużahom fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, u jissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi internazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab tagħna, fir-rigward tal-Iran;

Or. en